## Il-Ħadd, 4 ta' Awwissu 2019

Xi ħadd mill-folla
qal lil Ġesù:
"Mgħallem,
għid lil ħija jaqsam il-wirt miegħi."
Wieġbu Ġesù:
"Ħabib,
min qegħedni mħallef fuqkom,
jew qabbadni nqassmilkom
il-ġid bejnietkom?"
Imbagħad qal lin-nies:
"Iftħu għajnejkom
u ħarsu rwieħkom
minn kull regħba,
għax imqar
jekk wieħed ikollu bir-radam,
ħajtu ma tiddependix
mill-ġid li jkollu."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 12, versi 13-15***

# 246

"Ir-rikkezzi ma jagħtukx sigurtà
għal dejjem. Anzi jniżżluk 'l isfel
fid-dinjità tiegħek ...
Ir-regħba,
li hija l-kilba għar-rikkezzi,
hija xi ħaġa li tiftaħ il-bieb
għal ħwejjeġ oħra,
ibda mill-vanità: nibdew naħsbu
li aħna importanti,
li għandna l-poter; u mbagħad
tasal il-kburija, is-suppervja.
U minn hemm jinbtu l-vizzjijiet
l-oħra kollha. Dawn huma tarġiet
li l-ewwel waħda fosthom
hi r-regħba."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 19 Ġunju 2015

# Biex ma jagħmukx!

*Jiena bniedem rgħib?*

*Nagħmel użu tajjeb minn dak li Alla jipprovdili?*

Il-flus huma importanti, Mulej,
imma mhumiex kollox!
Bihom nista' nġib 'il quddiem
il-qagħda tiegħi u dik tal-oħrajn
- u dan Inti tridu -
imma ma nistax inħallihom isiru alla tiegħi!
Ħarisni minn kull regħba,
għax din, ħajti tirrovinahieli!
Ħarisni mill-kilba għar-rikkezzi,
għax din ma tagħmillix ħlief iżżarmani:
tisfratta lill-qalb tiegħi;
tħarbat ir-relazzjonijiet li jiena għandi mal-oħrajn,
saħansitra ma' ta' ġewwa.
Ħarisni, Mulej,
u għajnejja
żommhomli miftuħin beraħ għall-ġid veru.

## It-Tnejn, 5 ta' Awwissu 2019

Ġesù ordna lin-nies
biex joqogħdu bilqiegħda
fuq il-ħaxix,
ħa l-ħames ħobżiet
u ż-żewġ ħutiet,
rafa' għajnejh lejn is-sema,
bierek, qasam il-ħobżiet
u tahom lid-dixxipli,
u d-dixxipli
newluhom lin-nies.
U kulħadd kiel u xaba',
u ġabru l-bċejjeċ li kien fadal
u mlew bihom
tnax-il qoffa.
U kienu madwar ħamest
elef raġel dawk li kielu,
barra n-nisa u t-tfal.

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 14, versi 19-21***

# 247

"Il-ġesti li Ġesù jagħmel
fil-miraklu tal-ħobż u tal-ħut
huma l-istess ġesti
tal-Aħħar Ċena,
u l-ġesti li s-saċerdot
iwettaq ukoll fil-Quddiesa.
Il-komunità nisranija titwieled
u terġa' titwieled kontinwament
minn din il-komunjoni
Ewkaristika ...
Waqt li titmagħna bi Kristu,
l-Ewkaristija li niċċelebraw
ftit ftit tibdel lilna wkoll
fil-ġisem ta' Kristu
u f'ikel spiritwali għall-aħwa."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali,* 17 Awwissu 2016

*X'enerġija nfittex li nieħu mill-Ewkaristija?*

*L-Ewkaristija li nirċievi, kif qed insarrafha f'ħajti?*

# B'risq dawk bil-ġuħ

Aħna nirċevuk, Mulej,
fl-Ewkaristija,
għax nixtiequ nieħdu minn dak li Int,
għax nixtiequ nintgħaġnu minnek,
għax nixtiequ nixbhuk,
għax nixtiequ ninbidlu fik,
għax nixtiequ nkunu dak li Inti Int.
Agħmel, Mulej,
li, mimlijin biK,
ħajjitna tmantni lil dawk li huma bil-ġuħ:
bil-ġuħ għall-imħabba,
għal sens fil-ħajja,
għas-sewwa,
għall-ġustizzja,
għall-paċi tal-qalb,
għal Alla.

## It-Tlieta, 6 ta' Awwissu 2019

Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġwanni u 'l Ġakbu, u tala' fuq il-muntanja biex jitlob. U ġara li huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex. U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija, li dehru fil-glorja, jitħaddtu fuq tmiem ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm. Pietru u sħabu kienu mejtin bin-ngħas, imma baqgħu mqajjmin sewwa, u raw il-glorja tiegħu u ż-żewġt irġiel li kienu miegħu ... Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom u huma beżgħu kif daħlu fis-sħaba. U minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 9, versi 28b-32. 34-35***

# 248

"Ġesù juri lilu nnifsu bħala x-xbieha perfetta tal-Missier, id-dija tal-glorja tiegħu. Dan huwa t-twettiq tar-rivelazzjoni; għalhekk ħdejh jidhru Mosé u Elija, li jirrappreżentaw il-Liġi u l-Profeti, biex juru li kollox jispiċċa u jibda f'Ġesù, fil-passjoni u l-glorja tiegħu. Dak li qed jasal għand id-dixxipli u għandna hu dan: 'Isimgħuh!' ... Li nisimgħu lil Kristu jfisser li nilqgħu l-għerf tal-misteru tal-Għid tiegħu, nimxu miegħu biex nagħmlu minn ħajjitna rigal għall-oħrajn, f'ubbidjenza ħelwa għar-rieda ta' Alla."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 1 Marzu 2015

# Widnejn miftuħa

*X'post għandi għal kliem Kristu?*

*Inħallih jinfidni?*

Ħa nisma' lilek, Mulej,
tgħidli dak li jien neħtieġ li nisma'.
Ħa nisma' lil ħajtek
tikxifli ftit ftit dak li Alla jixtieq li jkun għalija.
Ħa nisma' dik ir-rabta li ma tinħallx
li Inti għandek mal-Missier
twassalli s-sbuħija Tiegħu.
Ħa nisma' l-għemejjel tiegħek
jirrakkontawli l-għożża
li Alla Missierek għandu lejn kull bniedem.
Ħa nisma' l-Passjoni tiegħek
tfissirli sa liema estremità
Alla jasal f'imħabbtu.
Ħa nisma' l-Qawmien tiegħek
jissiġilla l-fidwa tiegħi u tal-bnedmin kollha
darba għal dejjem.

## L-Erbgħa, 7 ta' Awwissu 2019

Waħda mara Kangħanija qabdet tgħajjat u tgħid lil Ġesù: "Ħenn għalija, Mulej, Bin David! Binti għandha fiha xitan, u magħdura ħafna." Iżda hu ma weġibhiex kelma. Resqu lejh id-dixxipli, jitolbuh u jgħidulu: "Eħles minnha, għax ġejja tgħajjat warajna." ... Il-mara nxteħtet quddiemu u qaltlu: "Għinni, Mulej!" Hu weġibha: "Mhux sewwa tieħu l-ħobż tal-ulied u tixħtu lill-ġriewi." "Hekk hu, Mulej", qaltlu, "iżda l-ġriewi wkoll jieklu l-frak li jaqa' minn fuq il-mejda ta' sidienhom." Imbagħad wieġeb Ġesù u qalilha: "Mara, il-fidi tiegħek kbira! Ħa jsirlek kif tixtieq."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 15, versi 22-23. 25-28ab***

# 249

"L-insistenza tal-mara Kangħanija hi u tinvoka l-azzjoni ta' Ġesù hija stimolu għalina biex ma naqtgħux qalbna, biex ma niddisprawx meta nkunu magħkusin mill-provi iebsin tal-ħajja. Il-Mulej ma jdawwarx wiċċu n-naħa l-oħra quddiem il-ħtiġijiet tagħna, u jekk xi drabi, donnu jidher insensibbli għal għajnuna li nkunu qed nitolbuh, ikun qed jagħmlu biex iseddaq il-fidi tagħna. Aħna għandna nkomplu ngħajtu bħal dil-mara: "Mulej, għinni! Mulej, għinni!" Hekk, bil-perseveranza u bil-kuraġġ."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 20 Awwissu 2017

*Jien fost dawk*
*li jippretendu*
*li Alla*
*jġib ruħu miegħi*
*ta' saħħar?*

*Naċċetta*
*li Alla*
*għandu*
*l-waqt it-tajjeb*
*tiegħu?*

# Li tkompli tgħajjat

Xi drabi, Mulej,
tagħtina x'nifhmu li Inti trux u mutu!
Naħsbuk li Int xi ħadd
li tiġi taqa' u tqum mill-karbiet tagħna!
Naħsbuk li Int xi ħadd
li l-problemi tagħna
mhux veru jinteressak tagħmel xi ħaġa dwarhom!
Għinna nħallu warajna x-xbieha tiegħek
bħala xi ħadd
li tfaqqa' subgħajk u ssolvilna kollox fil-pront.
Għinna fin-nuqqas ta' fidi tagħna.
Ħallina - bħall-mara Kangħanija -
inkomplu ngħajtulek għall-għajnuna,
filwaqt li b'fiduċja fik
inħallu f'idejk il-waqt it-tajjeb
biex dak li nitolbuk tagħmlu jseħħ.

## Il-Ħamis, 8 ta' Awwissu 2019

Ġesù qal lil Pietru:
"Inti Pietru,
u fuq din il-blata
jiena nibni
l-Knisja tiegħi,
u s-setgħat tal-infern
ma jegħlbuhiex.
Jiena nagħtik
l-imfietaħ
tas-Saltna tas-Smewwiet,
u kulma torbot
fuq l-art
ikun marbut fis-smewwiet,
u kulma tħoll
fuq l-art
ikun maħlul
fis-smewwiet."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 16, versi 18-19***

250

"F'idejn Ġesù l-aktar ġebla żgħira ssir prezzjuża, għax Hu jiġborha, iħares lejha bit-tenerezza, jonġorha bl-Ispirtu tiegħu u jqegħdha fil-post it-tajjeb, li Hu minn dejjem ħaseb fih u fejn tista' tkun utli għall-binja kollha kemm hi. Aħna lkoll ġebel żgħir imma Hu jrid iseħibna fil-bini tal-Knisja ... U l-ħafna ġebel differenti, li minnhom hi magħmula, jiffurmaw binja waħda bis-sinjal tal-fraternità u tal-komunjoni ma' Pietru, hu nnifsu ġebla żgħira, imma għax Ġesù jeħodha f'idejh issir il-qalba tal-komunjoni."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 27 Awwissu 2017

*X'fiduċja għandi fil-Persuna ta' Kristu?*

*Nemmen tassew li bija jista' jagħmel ħwejjeġ kbar?*

# Ġebel f'idejH

Kemm taħsibha differenti, Mulej,
minn kif jaħsbuha l-bnedmin:
Inti tistmana bil-kbir,
ħaddieħor iħares lejna bħala theddida;
Inti tiġborna,
ħaddieħor jarmina;
Inti tqegħedna fil-qalba,
ħaddieħor jagħtina l-ġenb;
Inti tibqa' temmen fina,
ħaddieħor
mal-iċken nuqqas jerġa' jibdielu dwarna;
Inti tagħtina l-qawwa biex nibqgħu nimxu,
ħaddieħor jaqtgħalna qalbna!
Ħudna f'idejk.
Żommna f'idejk.
Agħmel minna dak li trid.

## Il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu 2019

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja,
għandu jiċħad lilu nnifsu,
jerfa' salibu, u jimxi warajja.
Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha,
imma min jitlef ħajtu
għall-imħabba tiegħi, isibha.
Għax xi jkun jiswielu l-bniedem
jekk jikseb id-dinja kollha
u mbagħad jitlef ħajtu?
Jew xi prezz se jagħti l-bniedem
biex isalva ħajtu?
Għax Bin il-bniedem
għandu jiġi fil-glorja ta' Missieru
flimkien ma' l-anġli tiegħu,
u mbagħad irodd lil kull wieħed
skont ma wieħed ikun għamel."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 16, versi 24-27***



"Ġesù jgħid kliem li jesprimi għerf kbir u li hu validu dejjem, għax hu sfida għall-mentalità u l-imġieba egoċentrika ... Hi biss l-imħabba li tagħti sens u hena lill-ħajja. Li nużaw it-talenti, l-enerġiji u l-ħin tagħna biss biex insalvaw lilna nfusna, u biex nilħqu l-għanijiet tagħna, fil-verità dan iwassalna għat-telfien, jiġifieri għal eżistenza ta' dwejjaq u sterili. Mill-banda l-oħra jekk ngħixu għall-Mulej u nibnu ħajjitna fuq l-imħabba, kif għamel Hu, inkunu nistgħu nduqu ferħ ġenwin, u ħajjitna tagħmel il-frott."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 3 Settembru 2017

*X'qed nitlef biex inkun nista' nsib lil ħajti?*

*Qed inħalliha tinbena dejjem iżjed bl-imħabba?*

# Titlef u ssib

Kemm tkun sabiħa ħajjitna, Mulej,
kull darba li niftħuha lilek
u lill-oħrajn.
Kemm nimtlew b'ferħ fil-qalb tagħna
kull darba li jirnexxilna nfittxu
dak li jaqbel lil ħaddieħor.
Kemm tkun bis-sens ħajjitna
kull darba li nagħmlu xi ħaġa għal ħaddieħor
minħabba fik.
Kemm naraw frott f'ħajjitna
kull darba li ningħataw lill-oħrajn,
l-aktar lil dawk
li ma jkollhomx minn fejn iroddulna lura
għal dak li nkunu qsamna magħhom aħna.
Kemm insibuha lil ħajjitna, Mulej,
kull darba li nitilfuha!

## Is-Sibt, 10 ta' Awwissu 2019

Wara li Ġesù fejjaq lit-tifel
li kien marid b'tal-qamar,
id-dixxipli resqu lejn Ġesù
għalihom weħidhom
u qalulu:
"L-għala aħna ma rnexxilniex
inkeċċu lix-xitan minnu?"
U hu qalilhom:
"Minħabba l-fidi żgħira tagħkom!
Għax tassew ngħidilkom,
li kieku għandkom fidi
mqar daqs żerriegħa tal-mustarda,
kontu tgħidu lil din il-muntanja,
'Warrab minn hawn u mur hemm',
u hi kienet twarrab;
u ma jkun hemm xejn għalikom
li ma jistax isir."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 17, versi 19-20***

# 252

"Is-Saltna t'Alla titlob
il-kollaborazzjoni tagħna, imma
fuq kollox hi inizjattiva tal-Mulej.
Jekk il-ħidma dgħajfa tagħna
- fid-dieher tant żgħira
quddiem il-kumplessità
tal-problemi tad-dinja -
titwaħħad ma' dik tal-Mulej,
ma tibżax aktar mid-diffikultajiet.
Ir-rebħa tal-Mulej hija ċerta:
imħabbtu tnibbet u tkabbar
kull żerriegħa tat-tajjeb li teżisti
fid-dinja. Dan jiftħilna l-fiduċja
u t-tama, minkejja d-drammi,
l-inġustizzji, is-sofferenzi
li niltaqgħu magħhom."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 14 Ġunju 2015

# Biex issib tarf

*Kif nersaq*
*lejn*
*ir-realtajiet iebsa*
*tal-ħajja?*

*Waħdi,*
*mingħajr Alla?*

Fil-ħajja, Mulej,
jiġru ħafna ħwejjeġ
li aħna ma nsibux tarf tagħhom;
u li allura
quddiemhom inħossuna telliefa,
bla saħħa.
Dil-ħaġa tkiddna, u tkiddna bil-kbir.
Imma jekk inħarsu sewwa lejna nfusna
nsibu li qegħdin nersqu
lejn ir-realtajiet iebsa tal-ħajja
waħidna,
mingħajrek.
Agħtina l-konvinzjoni
li bik magħna
m'hemm xejn għalina
li ma jistax isir.